DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/251

tal-25 ta' Frar 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/819/PESK [1] li taħtar lis-Sur Alexander RONDOS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika.

(2) Fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 [2] li testendi l-mandat tar-RSUE għall-Qarn tal-Afrika. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fid-29 ta' Frar 2020.

(3) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE għall-Qarn tal-Afrika jiġi estiż għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Awwissu 2020.

(4) Ir-RSUE għall-Qarn tal-Afrika ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/905 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej :

'1. Il-mandat tas-Sur Alexander RONDOS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Qarn tal-Afrika huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2020. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jiġi mitmum aktar kmieni, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) '.

(2) Fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Awwissu 2020 għandu jkun ta' EUR 1 400 000.".

(3) Fl-Artikolu 14 , jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ir- rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat tar-RSUE għandu jiġi ppreżentat sal-15 ta' Ġunju 2020".

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/819/PESK tat-8 ta' Diċembru 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 327, 9.12.2011, p. 62).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/905 tal-25 ta' Ġunju 2018 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 16).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Hija għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2020.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ